**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 426/17AL

A B
vs
C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremmeta :

**I.** ILLI l-kontendenti zzewwgu nhar id-19 ta' Jannar 1978 - skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala **DOK: A** - u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, N, li llum hija maggiorenni;

**II.** ILLI permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani tas-27 ta' Novembru 1989 - li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **DOK: B** -

il-kontendenti sseparaw legalment taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;

**III.** ILLI l-kontendenti ilhom ma jghixux flimkien sa minn qabel l-imsemmija data tas-27 ta' Novembru 1989, u ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

**IV.** ILLI l-esponent minn dejjem hallas il-manteniment kollu li kien dovut minnu skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-istess msemmi kuntratt, b'mod regolari u puntwali, u ghadu sallum ihallas, bl-istess mod, is-somma ta' Lm25.00, ekwivalenti ghal €58.23, fil-gimgha in linea ta' manteniment favur l-intimata, u ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti f'dan ir-rigward bejn il-kontendenti;

**V.** ILLI, ghalhekk, fil-fehma umli tal-esponent, il-kondizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma gja' separati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

**I.** TIPPRONUNZJA, a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hall taz-zwieg tad-19 ta' Jannar 1978 ta' bejn il-kontendenti ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

**II.** TORDNA, a tenur tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), lir-Registratur tal-Qorti sabiex, f'dak iz-zmien li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru, 2017;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Novembru 1989;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.